MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 828/2006

**Dhalia Real Estates Services Limited C19976**

**vs**

**Equal Company Limited u Dr. Martin Fenech u PL Victor Bugeja nominati b'digriet tat-22 ta' Jannar 2007 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Frank Scicluna flimkien u solidalment bejniethom**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu is-socjeta’ rikorrenti ssottomettiet:

Illi s-socjeta’ rikorrenti trendi servizzi ta’ *real estate agent* fit-trasferiment ta’ immobbli.

Illi l-intimat Frank Scicluna f’ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ *Equal Company Limited* talab lis-socjeta’ rikorrenti tghinu fil-bejgh ta’ propjeta’ u cioe’ 12/8 Forest Street, San Giljan;

Illi s-socjeta’ rikorrenti esegwiet pjenament is-servigi mitluba mill-intimati u sabet xerrej prospettiv ghall-propjeta’ sucitata;

Illi ghalhekk hija dovuta senserija mill-intimati a favur is-socjeta’ rikorrenti stante li din esegwiet is-servizzi taghha kif rikjest mill-intimati;

Illi sal-lum il-gurnata l-intimati baqghu inadempjenti u ghadhom ma hallsux lis-socjeta’ rikorrenti s-senserija dovuta;

Jghidu ghalhekk l-intimati l-ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha

1. Tiddikjara li s-socjeta’ rikorrenti esegwiet pjenament servigi ta’ senserija kif ordnata taghmel mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom fit-trasferiment tal-fond 12/8 Forest Street, San Giljan;

2. Tiddikjara li l-intimati flimkien u solidalment bejniethom huma responsabbli ghall-hlas ta’ senserija bir-rata kif pattwita bejn il-partijiet ghall-bejgh tal-fond sucitat;

3. Tillikwida l-*estate agency fee* dovuta lis-socjeta’ rikorrenti in kunsiderazzjoni tat-trasferiment tal-fond sucitat okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti dik is-somma hekk

likwidata bhala *estate agency fee* ghat-trasferiment sucitat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kuntratt sal-pagament effettiv kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ta' l-intimat** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jipproducu risposti ulterjuri meta jkunu edotti mill-fatti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti ;

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata ma deheritx

Rat ir-risposta tal-kuraturi.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti, li ma gewx kontestati, jirrizulta li r-rikorrenti kienu ntitolati ghal senserija ta' Lm10,900 kif gie konfermat bil-hrug ta' *cheques* mill-konvenuti li pero' ma gewx onorati.

**DECJZONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u
Tiddikjara li s-socjeta' rikorrenti hija intitolata ghal senserija fuq it-trasferiment tal-fond 12/8 Forest Street, San Giljan;
Tiddikjara li l-intimati flimkien u solidalment bejniethom huma responsabbli ghall-hlas ta' senserija bir-rata kif pattwita bejn il-partijiet ghall-bejgh tal-fond sucitat;

Tillikwida l-*estate agency fee* dovuta lis-socjeta' rikorrenti in kunsiderazzjoni tat-trasferiment tal-fond sucitat fl-ammont ta' ghaxart elef u disa' mitt lira Maltin (Lm10,900);
Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma hekk likwidata bhala *estate agency fee* ghat-trasferiment sucitat.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-kuntratt sal-pagament effettiv kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------